TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Joseph Portelli

vs

Deluxe Bathrooms - Liliana Vella

CCT G3/19

17 ta' Ġunju 2020

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fl-1 ta' April 2019 fejn talab ir-rifuzjoni ta' €415.00 prezz ta' *shower* tray mixtri mill-azjenda intimata, liema *shower tray* kien difettuz u mhux tal-kwalita pattwita.

Ra li fil-11 ta' April 2019 l-azjenda intimata irrifjutat li tigi notifikata bl-avviz tat-talba u tas-smigh.

Ra l-verbal tas-6 ta' Settembru 2019 fejn it-Tribunal qies tali rifjut bhala notifika valida u pproceda bi smigh tal-kawza.

Ra illi fl-istess seduta il-kawza giet differita ghall-provi tal-azjenda intimata ghas-6 ta' Dicembru 2019.

Ra illi fis-6 ta' Dicembru 2019 il-kawza giet differita ghall-21 ta' Frar 2020 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Ra illi fis-seduta tal-21 ta' Frar 2020 hadd ma deher ghall-azjenda intimata u l-kawza thalliet ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghat-8 ta' Mejju 2020.

Ra illi ma kien hemm l-ebda ostakolu ghall-prolazzjoni tas-sentenza.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi fil-25 ta' Awwissu 2017 ir-rikorrent xtara *'artificial stone shower tray'* mill-azjenda intimata ghal prezz ta' €415.00. Ir-rikorrent kien kellem lil Matthew Vella li kien qallu li l-imsemmi shower tray huwa *anti bacteria*l u ta' l-aqwa kwalita'. Ir-rikorrent ighid li meta beda juza l-imsemmi *shower tray* ghal habta ta' Gunju 2018, beda jehel il-hmieg mieghu, b'tali mod li tnaddfu kemm tnaddfu ma jergax jigi abjad izda jibqa' mahmug. Ikkuntattja lil Vella u wara skambju ta' messaggi, kien gie id-dar jarah pero' hasel idejh mill-problema. Ir-rikorrent xehed ukoll illi biex ibiddel dan it-*tray* kien ser jidhol fi spejjes ulterjuri u qed jippretendi ukoll illi jithallas taghhom. Ipprezenta zewg stimi ta' kemm kien ser jonfoq (Dok JP 1 u JP 2).

L-azjenda intimata, ghad notifikata bl-avviz naqset milli tipprezenta risposta ghat-talba u lanqas dehret biex tirrispondi jew taghti l-versjoni taghha.
Illi ghalhekk it-Tribunal m'ghandux il-konfort ta' versjoni ohra li b'xi mod jikkontrasta dak li qed ighid ir-rikorrent, u jhoss illi x-xiehda guramentata tieghu hija wahda verosimili u m'ghandu l-ebda raguni jiddubita minn dak li qed ighid.

Fit-talba tieghu, ir-rikorrent qed jitlob li l-azjenda intimata tigi kkundanata thallsu s-somma ta' €415.00 rapprezentanti prezz ta' *shower tray* mixtri minghandha. Fix-xhieda tieghu, ir-rikorrent qal li biex ibiddel dan it-*tray* kien ser jidhol fi spejjes ulterjuri u pprezenta zewg stimi ta' kemm kien ser jonfoq.

Illi kwalunkwe zieda fl-ammont originali kellu jigi verbalizzat u l-azjenda intimata ghandha d-dritt illi tigi notifikata b'tali zieda. Dan ma sarx. Illi fin-nuqqas, it-Tribunal ma jistax jiehu konjizzjoni ta' dawn l-ammonti u ser jillimita ruhu ghat-talba originali, li fic-cirkostanzi ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jikundanna l-azjenda intimata thallas lir-rikorrent is-somma ta' €415.00. Bl-ispejjes kontra l-azjenda intimata. Bi dritt li tiehu lura dan is-*shower tray,* wara li jsir il-hlas.

Avv. Michela Spiteri
Arbitru